**19 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., K.M. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Agius pr. et ne. et.

*versus*

Maria Agius et.

**Diviżjoni — Użufrutt — Rinunzja — Transazzjoni — Art. 365, 347(b), 1277(1) u 1813 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk issir skrittura privata dwar il-mod kif għandha ssir il-qasma ta' eredità differentement minn kif iddispona t-testatur, u fiha waħda mil-kondividenti tobliga ruħha li fil-qasma futura tirrinunzja għall-użufrutt lilha mħolli mit-testatur in konsiderazzjoni tal-mod kif ikun ġie miftiehem li għandha ssir il-qasma tal-eredità, dik ir-rinunzja ma għandhiex titqies li topera "ex tunc", għax allura jiġi illi fil-mument tal-iskrittura kien hemm "actu" t-trasferiment tal-użufrutt u l-konsolidazzjoni tiegħu favur il-proprijetarji nudi. U billi l-użufrutt huwa dritt reali, u huwa dritt immobiljari meta jkun fuq immobili u huwa wkoll parti mid-dominju u smembrament tal-proprjetà, dik l-iskrittura mhix valida għat-trasferiment tal-użufrutt, li għall-validità tiegħu jirrikjedi l-att publiku. Jekk, mbgħad, dik l-iskrittura titqies bħala transazzjoni, xorta waħda mhix valida; għaliex dik tkun transazzjoni dwar diviżjoni ta' eredità bħala "universum jus", li għaliha wkoll huwa rikjest l-att publiku, u għalhekk tiswa biss bħala promessa "de contrahendo".*

*Għaldaqstant, jekk fl-intervall bejn meta saret dik l-iskrittura u meta jiġi biex isir il-kuntratt definittiv dik li obligat ruħ-*

*ha li tirrinunzja għall-użufrutt tiġi nieqsa, il-kondividenti l-oħrajn ma jistgħux jippretendu illi l-qasma għandha ssir tabilfors fit-termini ta' dik l-iskrittura, imma għandhom dritt jippretendu illi ssir skond kif ordna t-testatur. U dan avvolja d-drittijiet u l-obligazzjonijiet jgħaddu attivament u passivament fis-suċċessuri tal-kreditur u tad-debitur tal-obligazzjoni; għax l-obligazzjoni dwar dik ir-rinunzja ma għadiex aktar dik li kienet qabel, billi l-obligazzjoni ma baqgħetx aleatorja kif kienet meta ġiet assunta, u, barra minn dan, ma tistgħax aktar issir rinunzja għall-użufrutt billi l-użufrutt ma għadux jeżisti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-atturi aħwa Agius huma ulied il-mejjet Paolo Agius mill-ewwel żwieġ ta' dan Paolo Agius ma' Giuseppa neė Schembri, u -konvenuti huma ulied Maria Agius il-lum mejta; billi l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejn l-imsemmi Paolo Agius u l-ewwel mara tiegħu, Giuseppa omm l-atturi, ġie likwidat u diviż b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella tat-8 ta' April 1957 (dok. B); billi fl-14 ta' Frar 1954 (dok C) miet l-imsemmi Paolo Agius b'testment "unica charta" ma' Maria Agius, it-tieni mara tiegħu, publikat fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tal-15 ta' Settembru 1939 (dok. D), testment li sar qabel it-twelid tal-konvenuti Giuseppe u Grazio aħwa Agius; billi l-imsemmi Paolo Agius ħalla superstiti lill-atturi, lil Maria Agius, ġa martu, u liż-żewġ uliedha, il-konvenuti Giuseppe u Grazio aħwa Agius; u billi l-atturi ma jridux jibqgħu fil-komunjoni tal-beni li wirtu minn għand l-imsemmi missierhom Paolo Agius; talbu (1) li jiġi likwidat l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejn il-mejjet Paolo Agius u llum mejta Maria Agius it-tieni mara tiegħu, billi jiġi dikjarat jikkonsisti f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) dan l-assi hekk likwidat jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lill-illum mejta Maria Agius u l-oħra lill-assi partikulari tal-imsemmi Paolo Agius; (3) jiġi likwidat l-assi partikulari tal-istess Paolo Agius, billi jiġi dikjarat konsistenti f'nofs l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejnu u bejn l-illum mejta Maria Agius kif fuq likwidat, f'nofs

il-beni kompriżi fl-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejnu u bejn l-ewwel mara tiegħu, il-mejta Giuseppa Agius, kif ġa likwidat bil-kuntratt tat-8 ta' April 1957 fuq riferit (dok. B), u fil-beni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (4) l-assi partikulari tal-istess Paolo Agius, kif likwidat, jiġi diviż f'sitt porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-erbgħa atturi u lil kull wieħed miż-żewġ konvenuti Giuseppe u Grazio aħwa Agius; (5) u jiġu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet meħtieġa, nutar biex jippublika l-att relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Marzu 1961, li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari konvenuta, u ordnat li l-likwidazzjoni ssir in bażi għal dik l-iskrittura fis-sens premess; l-ispejjeż minħabba d-diffikultà tal-meritu u novità tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru għall-atturi. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher li l-kwistjoni ta' indoli preliminari li għandha tiġi deċiża wara eżami minn din il-Qorti hija bażata fuq dawn il-fatti. Paolo Agius, bin il-mejjet Giovanni, imwieled il-Mosta u li kien joqgħod Burmarrad, limiti San Pawl il-Baħar, u li ġie nieqes għall-ħajjin fl-14 ta' Frar 1954, kien miżżewweġ darbtejn; l-ewwel darba ma' Giuseppa Schembri u kellu minnha lill-atturi, u meta mietet l-ewwel mara tiegħu reġa' żżewweġ ma' Maria Agius, u minnha kellu ż-żewġ konvenuti;

Meta kien għadu ħaj fil-kors tat-tieni żwieġ, l-istess Paolo Agius, kontra t-tfal tal-ewwel żwieġ, talab il-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali bejnu u l-ewwel mara tiegħu, u l-qasma ta' dak l-istess assi, bl-att taċ-ċitazzjoni ċivili nru. 102 tal-1949 fl-ismijiet "Paolo Agius vs. Giovanni Agius proprio et nomine", u l-istess likwidazzjoni u diviżjoni saret b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella tat-8 ta' April 1957, mill-kuratur ta' Paolo Agius, li kien ġie nieqes fil-mori tal-ġudizzju fl-14 ta' Frar

1954 (dok. C) u t-tfal tal-ewwel żwieġ fuq imsemmija (ara dok. B fol. 7 u ta' wara tal-proċess);

L-istess Paolo Agius miet testat, u flimkien mat-tieni mara tiegħu (Maria Grima) kien, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tal-15 ta' Settembru 1939, għamel testment konġuntiv (ara Dok. D fol. 19 u ta' wara tal-proċess), minn fejn jidher li fit-tielet artikolu l-kontestaturi kienu ħallew lil xulxin il-legat ta' użufrutt universali tal-assi tagħhom, bl-eżenzjoni mill-obligu tal-inventarju u tad-debita kawżjoni, u bil-fakoltà rispettiva lis-superstiti, f'każ ta' bżonn ta' alimenti, li jkun jista' jiddisponi mill-proprijetà ta' dak li jkun miet qabel mingħajr ma jkollu bżonn jitlob il-fakoltà lill-eredi, riżervata iżda l-porzjoni disponibbli li lilhom tkun tistħoqq;

Fis-26 ta' Frar 1956 (ara dok. X fol. 41 u ta' wara) saret bejn it-tfal tal-ewwel żwieġ ta' Paolo Agius ma' Giuseppa Schembri u l-armla ta' Paolo Agius, Maria neè Grima, it-tieni mara u allura armla tiegħu, proprio u bħala tutriċi għan-nom tal-konvenuti li fl-epoka kienu għadhom minorenni, skrittura fejn ġie konvenut li:—

1. L-atturi odjerni flimkien għandhom jieħdu n-nofs tal-beni akkwisti tal-ġenituri tagħhom (assi soċjali konjugali ta' Paolo Agius u Giuseppa Schembri, li kienu għadhom allura ma ġewx likwidati bil-kuntratt Vella tat-8 ta' April 1957);

2. Maria armla ta' Paolo Agius (it-tieni mara ta' Paolo Agius) kellha tippreleva mill-assi ta' żewġha (a) iddeheb li hija ġiebet dota, (b) £60 flus li kienet ġiebet dota, (c) £6 li wirtet minn għand missierha, (d) u nofs il-koakkwisti li saru waqt iż-żwieġ mal-istess żewġha Paolo Agius;

3. L-assi tad-decujus (Paolo Agius), li kien jikkonsisti f'nofs l-akkwisti li huwa għamel mal-ewwel mara tiegħu u f'nofs l-akkwisti li għamel mat-tieni mara, u dak li seta' kellu minn naħa tiegħu, għandu jinqasam fi tmien porzjonijiet ugwali b'ex jittieħdu waħda kull wieħed missitt itfal tiegħu, u t-tieni mara tad-decujus, Maria Agius

neè Grima, tirrinunzja għall-użufrutt fuq imsemmi, mid decujus lilha mħolli, u tieħu f'loku żewġ porzjonijiet;

4. L-ispejjeż kollha li laħqu saru sal-jum tal-iskrittura, tant dawk tal-kawża (fuq imsemmija li kienet pendenti, u in segwitu ġiet ċeduta) rigwardanti l-likwidazzjoni hemm imsemmija, kemm dawk tal-avukati, kemm ukoll dawk tal-istimi u kwalunkwe spiża oħra li saret sal-jum tal-konvenzjoni, kellhom jitħallsu kwantu għal żewġ sediċeżimi (2/16) minn Maria armla ta' Paolo Agius, kwantu għal sediċeżimu (1/16) kull wieħed mill-konvenuti odjerni, u kwantu għal tliet sediċeżimi (3/16) kull wieħed mill-atturi odjerni, tfal tal-ewwel żwieġ; u l-ispejjeż kollha li jsiru l-quddiem (minn dak inhar tal-konvenzjoni) jitħallsu kwantu għal żewġ ottavi (2/8) minn Maria armla Agius, u in kwantu għal ottav (1/8) kull wieħed mill-eredi tal-istess Paolo Agius;

Maria armla ta' Paolo Agius ġiet nieqsa fit-18 ta' Novembru 1959;

Illi, stabbiliti dawn il-fatti, jingħad illi l-pretensjoni tal-atturi hija li din il-konvenzjoni għandha tiġi njorata, il-għaliex, ladarba ma ġietx tradotta in atti publiċi fil-ħajja ta' Maria armla ta' Paolo Agius, l-oġġett tal-konvenzjoni huwa l-lum ineżistenti; mentri l-konvenuti, li l-lum saru maġġjorenni u rratifikawha, jippretendu li l-istess konvenzjoni għandha tiġi onorata, u l-likwidazzjoni u l-qasma mitluba għandha ssir in bażi tagħha, inattiżi d-dispożizzjonijiet testamentarji tad-decujus Paolo Agius;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ikun tajjeb li jiġi premess (a) li meta sar it-testment konġuntiv ta' Paolo Agius u t-tieni mara tiegħu Maria neè Grima, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tal-15 ta' Settembru 1939, it-tfal tat-tieni żwieġ, u ċioè l-konvenuti, kienu għadhom ma ġewx fid-dinja: (b) u illi l-konvenzjoni li dwarha hemm kwistjoni saret wara l-mewt tal-missier u ġġib id-data tas-26 ta' Frar 1956, meta l-kawża ċivili ntrodotta oriġinarjament mid-decujus Paolo Agius kontra wliedu tal-ewwel żwieġ,

għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi soċjali konjugali tal-ewwel żwieġ mad-decujus, kienet għadha miexja, u ġiet fil-fatt komposta bl-att ta' qasma fuq imsemmi tat-8 ta' April 1957, u l-kawża ġiet ċeduta fis-26 ta' April 1957;

Ikkunsidra.

Illi, premess dan, jingħad li, meta d-decujus ġie nieqes, u l-atturi ġew jafu li missierhom kien ħalla legat ta' użufrutt universali lill-mara tiegħu Maria neè Grima, qam xi nkwiet bejn l-atturi u t-tieni mara ta' missierhom fuq is-suċċessjoni tad-decujus. Ċertu Agostino Chircop, li ma deherx, u lanqas jidher li għandu nteress fil-kawża, ipprova jirranġa lill-atturi, li kienu maġġjorenni, u l-assenti rappreżentati, ma' Maria armla Agius, u dan l-arranġament ġie nkorporat fl-iskrittura eżibita; bl-intelliġenza li tant Maria Agius, li obligat ruħha li tirrinunzja għall-legat universali tal-użufrutt, kemm xi wħud oħra mil-firmatarji tal-iskrittura ftehmu li jkomplu jdaħħlu r-renditi u kera tal-assi tad-decujus individwalment, b'dan li, meta jsir l-att tal-qasma, iġibu l-flejjes li jkunu daħħlu. Dan il-ftehim huwa konfermat minn Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella, li rrediġa l-konvenzjoni, u li afferma bil-ġurament li huwa kellu f'rasu li malli jitlestew l-istimi tal-immobili u xi preliminari oħra preparatorji jippreżenta kollox quddiem il-Qorti kompetenti għad-debita approvazzjoni. Jingħad ukoll li minn dak l-istess xhud nafu li anki wara l-qasma tal-assi soċjali konjugali u partikulari ta' Giuseppa Schembri, l-ewwel mara ta' Paolo Agius, li saret fit-8 ta' April 1957, l-atturi kienu ltaqgħu miegħu u ma' omm il-konvenuti, u lmentaw li f'dik il-qasma kienu ġew imħollija barra xi ħwejjeġ li kienu jmissu lilhom, u saru d-debiti notamenti, l-għaliex naturalment il-konvenzjoni kienet tikkoprihom;

Xhud ieħor indipendenti li jikkonferma l-konvenzjoni huwa l-perit arkitett Edward Borg Cardona, li kien ġie nkarigat mill-interessati kollha għall-ħabta tal-11 ta' Novembru 1958 sabiex jagħmel il-qasma skond l-iskrittura kwerelata u afferma wkoll li l-inkarigu tiegħu kien ħa daqsxejn taż-żmien għar-raġuni ndikata fid-depożizzjoni tiegħu (*fol.* 61 u ta' wara), li għaliha ħadd mil-kontendenti, u lanqas omm il-konvenuti, ma jistgħux jiġu nkolpati;

Fil-frattemp ġiet nieqsa, fit-18 ta' Novembru 1959, Maria armla ta' Paolo Agius, omm il-konvenuti, li wara l-mewt ġew jafu, għax fil-fatt sabu, li ommhom kellha kaxxa li ma kienetx tuża għall-flus li kienet tuża kulljum, tant li kienet separata, b'ħafna flus li hija ma kienetx tmiss fil-ħajja, l-għaliex huma kienu jgħixu bil-qliegħ billi kienu jaħdmu raba' li prinċipalment ma kellux x'jaqsam ma' dak li kien ħalla d-decujus, għalkemm ħadmu u ħadu xi frott ukoll minn xi qatgħa żgħira ta' missierhom, bħal ma għamlu wkoll l-atturi. Dawn il-flus il-konvenuti qegħdin jippreżumu li huma minn dawk li ommhom kellha ġġib fil-qasma finali kif konvenzjonalment stabbilit, u l-istess gruzzulu ta' flus, ammontanti għal £250, għadu hemm, u s-somma ma tmissetx mill-konvenuti, li għandhom il-fehma li hija tagħhom u ta' ħuthom l-atturi mħabba l-konvenzjoni. Anki l-atturi Giovanni u Carmelo, aħwa Agius, tnejn mill-atturi, qegħdin f'bini li jidħol fil-patrimonju tad-decujus, u qabel kienu jħallsu l-kera, imma issa mhumiex qegħdin iħallsu xejn;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li l-art. 1025 u ta' wara tal-Kodiċi Ċivili jitkellmu fuq l-oġġetti u l-materja tal-kuntratti, li jiffurmaw materja ta' obligazzjonijiet in ġenerali, li ma jitnisslux mill-awtorità biss tal-liġi (ara art. 1000 tal-Kodiċi Ċivili). Il-kelma "ħaġa" ("thing" fit-test Ingliż), użata mill-art. 1025 Kap. 23, dejjem ittieħdet f'sens ampju, u tapplika ruħha ugwalment għall-użu u anki għas-sempliċi pussess tal-ħaġa stess. Infatti, l-affittwarju u l-komodatarju jakkwistaw id-dritt tal-użu biss għal żmien determinat, rispettivament b'titolu onerus u gratuwitu. Fir-rahan, il-kreditur ma għandux il-proprjetà tal-ħaġa, u lanqas id-dritt li jagħmel użu minnha, imma biss is-setgħa li jżommha sal-ħlas tal-kreditu, b'mod li s-sempliċi pussess tal-ħaġa hija l-oġġett tal-kuntratt. F'dan is-sens l-art. 1025(3) tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi korrettament intis. Jingħad ukoll li l-oġġett tal-kuntratt irid ikun jinteressa l-partijiet kontraenti fil-waqt tal-kuntratt jew obligazzjoni, u ma jistgħax ħlief jiġi riferit jew lill-ħwejjeġ fis-sens ta' "res" in ġenerali, jew anki għall-fatti tal-persuni, "facta". l-għaliex fl-istess stipulazzjonijiet dak hu li huwa ta' mportanza,

huma liema huma l-ħwejjeġ ("cose") li waħda mill-partijiet lesta tistipula li għandha tirċievi u li l-kontroparti hija obligata li tagħtiha, jew inklelè liema huma l-ħwejjeġ li wieħed jista' jistipula li jistgħu jew ma jistgħux isiru u l-kontroparti lesta tobliga ruħha li tagħmel jew ma tagħmelx ("di fare o non fare");

Illi l-ħwejjeġ kollha li huma "in commercio" jistgħu jkunu oġġett ta' konvenzjoni (ara art. 1025(2) u art. 1420 tal-Kodiċi Ċivili kombinati flimkien), u l-oġġett irid ikun determinat almenu rigward l-ispeċi tiegħu (art. 1026 idem), b'mod li ma jistgħax jiġi dubitat dwar il-ħaġa li tiġi promessa u jkun hemm konsiderazzjoni ekonomika jew morali dwarha. L-inċertezza tal-porzjoni u kwantità kapaċi ta' aċċertament tista' tkun oġġett ta' kuntratt jew konvenzjoni; u l-istess ħaġa jingħad għall-ħaġa li tkun almenu tista' tiġi in eżistenza f'xi jum il-quddiem, kif jingħad fl-art. 1027(1), bl-eċċezzjonijiet tas-subinċis (2) tal-istess sezzjoni, u salvi wkoll l-esklużjonijiet kontemplati fl-art. 1028 u 1029 tal-istess Statut Ċivili, li ma jinteressawx din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi minn dan jitnissel li l-oġġett tal-kuntratt jew konvenzjoni għandu bħala oġġett id-dritt li l-istess konvenzjoni tkun intiża li tikkrea, u per konsegwenza l-ħaġa jew il-fatt li għalihom dak l-istess dritt japplika ruħu;

Illi l-konvenzjoni in diskussjoni kellha l-iskop li tiġi likwidata u maqsuma l-eredità tad-deċujus billi minn banda waħda Maria armla Agius tirrinunzja għall-użufrutt lilha mħolli minn żewġha, ħaġa li tista' ssir espressament jew taċitament, u mill-banda l-oħra l-kontraenti l-oħra jikkonsolidaw il-partijiet u porzjonijiet pattwiti man-nuda proprijetà, mingħajr ma joqgħodu jistennew il-mewt tal-użufruttwarja — dak li jikkostitwixxi oġġett validu ta' kuntratt għaż-żewġ partijiet kontraenti. L-indoli ta' din il-kontrattazzjoni in kwantu għar-rinunzja tal-użufrutt, ma hemmx kwistjoni li kienet ta' natura aleatorja, għal raġunijiet ovvji u elementari. Dan seta' jsir, l-għaliex, a differenza tad-dritt tal-użu u ta' abitazzjoni, li skond l-art.

436 tal-Kodiċi Ċivili ma jistgħux jiġu ċeduti jew jingħataw bħala kera, id-dritt ta' dgawdija (użufrutt), sew b'titolu gratuwitu kemm b'titolu onerus, jista' jiġi mill-użufruttwarju ċedent, kif hemm maħsub fl-art. 377 tal-istess Statut Ċivili; u jingħad ukoll, mill-ġdid, li dan il-assaġġ jista' jsir esressament jew taċitament;

Illi l-fatt li l-użufruttwarja ġiet nieqsa, jekk huwa minnu li jnissel miegħu li l-użufrutt tagħha ċċessa naturalment skond ma trid il-liġi, jibqa' dejjem l-applikazzjoni ta' dak id-dritt għall-ħwejjeġ patrimonjali li Maria armla ta' Paolo Agius waqt il-ħajja kien jistħoqqilha bħala użufruttwarja mill-jum tal-mewt ta' żewġha; l-għaliex, ladarba ma ssemmietx fil-konvenzjoni data determinata għaċ-ċessazzjoni ta' dak l-istess użufrutt, dan, kif jidher ukoll mill-kumpless tal-pattijiet, u razzjonalment, kellu jkun kunsidrat bħal li kieku qatt ma kien;

Illi l-konvenuti, li huma l-lum maġġjorenni, u li rratifikaw dik l-istess skrittura, ippruvaw, fil-ħsieb ta' din il-Qorti soddisfaċentement, li ommhom kienet diġa' qegħdha teżegwixxi l-konvenzjoni, billi kienet iżżomm f'kaxxa separata l-proventi derivanti mill-beni ta' żewġha, u li kienu jispettaw lilha proprio kieku ma saretx il-konvenzjoni, a differenza ta' dak li kienet tagħmel bil-flus provenjenti altrimenti, u li hija u l-familja kienu jgħixu bihom; u del resto, anki kieku żammithom, il-ftehim kien li kull minn fost il-parteċipanti għall-iskrittura kien sejjer idaħħal xi ħaġa kellu in segwitu jikkonteġġjaha. Din l-eżekuzzjoni preparatorja qabel il-kuntratt definittiv tirriżulta wkoll mid-depożizzjoni tan-Nutar Vella ndirettament, meta qal li wara l-kuntratt tal-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali tal-mejjet Paolo Agius u l-ewwel mara tiegħu li kien diġà ġie publikat bil-vidimazzjoni tal-Qorti, kif jidher mill-fuq imsemmi proċess ċivili, numru 102/1949, ċedut fis-26 ta' April 1957 in forza tal-iskrittura kwerelata, l-atturi kienu qegħdin jippretendu li kien għad hemm xi affarijiet oħra tal-ewwel konċessjoni mhux diviżi u li huma kienu qegħdin jippretendu, u li n-Nutar Vella ħa notament dwarhom biex jikkunsidrahom fl-eżekuzzjoni finali tal-konvenzjoni in parola. L-istess konvenuti huma korroborati anki mill-Perit Borg Cardona, li rċieva fil-11 ta' Novembru 1958 l-ordni biex jistma l-immobili minn għand l-interessati kol-

lha wara l-att tal-qasma Vella tat-8 ta' April 1957 — dak il juri l-verità fejn tirrisjedi u kif il-ġustizzja legali u sostanzjali għandha timxi u tirregola l-każ;

Illi kwindi l-konvenzjoni kellha dritt u skop validu fil-liġi, u l-lum għad għandha l-oġġett li jitnissel minn dak l-istess dritt validu pattwit ta' natura aleatorja, non ostanti l-mewt naturali tal-użufruttwarja. Il-konvenzjoni għal dik in diskussjoni mhix limitata maż-żmien, bħal ma hija l-promessa-vendita, u sabiex bniedem jinħall minnha kellu tabilfors jagħmel atti ġudizzjarji b'ministeru tal-Qorti biex għal raġuni legali valida jwaqqafha, u mhux "marte proprio" jikkunsidraha ineffikaċi, kif għamlu l-atturi meta addirittura njorawha u ntroduċew l-att promotorju tal-ġudizzju odjern;

Illi kwindi l-konvenuti, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, għandhom raġun isostnuha, u l-atturi mhumiex korretti meta jgħidu li dik il-konvenzjoni hija anki l-lum bla oġġett;

Għalhekk, prevja l-korrezzjoni tad-dikjarazzjoni tal-atturi, u ċjoè (1) fl-ewwel paragrafu l-kliem "mal-konvenuta Maria l-lum armla Agius" jitħassru u jiġu sostitwiti bil-kliem "ma' Maria Agius il-lum mejta", (2) fit-tieni paragrafu l-kliem "mal-konvenuta" jitħassru u jiġu sostitwiti bil-kliem "ma'", (3) u fir-raba' jaragrafu l-kliem "il-konvenuta" jiġu mħassra;

Rat fol. 112 in-nota tal-appell tal-atturi, u fol. 113 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti appellati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li huma rilevanti għall-preġudizzjali fuq imsemmija jinsabu ampjament esposti fil-parti reċitattiva tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, riportata "supra". Anki l-kontenut tal-iskrittura privata fol. 27. li fuqha l-

konvenuti mpernjaw l-eċċezzjoni tagħhom, jinsab espost f'dik is-sentenza. Il-konvenuti qegħdin isostnu, in vija ta' preġudizzjali, illi d-diviżjoni għandha ssir għat-termini ta' dik l-iskrittura, inattiżi d-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Paolo Agius, u l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet dik il preġudizzjali;

Id-difensur tal-konvenuti appellati, fil-kors tal-argumenti quddiem din il-Qorti, issottometta illi r-rinunzja ta' Maria Agius għall-użufrutt għandha titqies "ex tunc", u li wieħed ma għandux jaħseb li l-partijiet kellhom il-ħsieb li din ir-rinunzja tkun operattiva meta jsir il-kuntratt effettiv. Il-fallaċja ta' dan l-argument hi ovvja. Kieku kellu jiġi aċċettat, allura l-korollarju inevitabbli kien ikun li fil-mument tal-iskrittura kien hemm "actu" t-trasferiment ta' dak l-użufrutt lin-nudi proprijetarji, għaliex ċertament ir-rinunzja għall-użufrutt kienet timporta l-passaġġ u l-konsolidament tiegħu man-nuda proprijetà favur in-nudi proprijetarji. Issa, l-użufrutt hu dritt reali (art. 365 Kap. 23 Ediz. Riv.). Hu wkoll dritt immobiljari (art. 347(2) ibidem) meta jkun fuq immobili, kif kien f'dan il-każ, għaliex fl-assi ta' Paolo Agius kienu kompriżi stabili (ara l-att notarili fol. 7 tal-proċess). U infine hu parti mid-dominju, u hu wkoll żmembrament tal-proprijetà (ara Proudhon, Trattato dei Diritti di Usufrutto, p. 19). Bħala tali, sabiex ikun hemm effettivament dik ir-rinunzja, importanti trasferiment ta' dritt immobiljari, kien jeħtieġ skond il-liġi, l-att publiku; u sempliċi skrittura privata bħal dik fuq imsemmija, ma kienetx tkun valida sabiex jiġi operat trasferiment simili. Għalhekk, żgur li rinunzja effettiva "ex tunc" ma setgħetx eżistiet validament. Dippjù, dik l-iskrittura kienet ukoll timporta transazzjoni u diviżjoni li kienet tirrigwarda eredità bħala "universum jus", u dippjù kienet tikkomprendi stabili, u għalhekk b'sempliċi skrittura ma setgħetx ħlief tkun promessa "de contrahendo"; għaliex biex tkun il-kuntratt effettiv, kien jeħtieġ li ikun hemm, anki taħt dan l-aspett, l-att publiku (art. 347(d), 536(1), 948 u 1813 Kap. 23: u Vol. XX-II-364). Anki t-termini tagħha juru li għaliha huma applikabbli l-kliem tal-Urceolo (De Transac. Quaest. X, nri. 14-17) — "promissio de faciendo contractu non est contractus";

Ikkunsidrat;

Apparti ċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari li sejrin jiġu kommentati, in teorija ma hemm xejn kuntrarju għall-validità ta' dik l-iskrittura bħala konvenzjoni dwar il-mod tad-diviżjoni, li timporta mhux it-trasferiment effettiv ta' drittijiet immobiljari, imma promessa biss; għax il-liġi tippermetti li konvenzjonijiet simili jsiru anki bi skrittura privata (art. 1277(1)(a) Kap. 23; ara wkoll Kollez. Vol. VII, p. 401, deċiżjoni ta' din il-Qorti);

Iżda l-kwistjoni ma tieqafx hawn. Infatti, fil-każ preżenti hemm iċ-ċirkustanzi li "wara" dik l-iskrittura, u "qabel" ma sar l-att effettiv, Maria Agius mietet u għalhekk l-atturi jsostnu li d-diviżjoni "de qua" ma għandhiex tkun aktar governata minn dik l-iskrittura;

Ikkunsidrat;

Normalment, id-drittijiet u l-obligazzjonijiet jgħaddu attivament u passivament fis-suċċessuri universali tal-kreditur u tad-debitur tal-obligazzjoni; u għalhekk jista' "prima facie" jidher li l-obligu tar-rinunzja għall-użufrutt, assunt fl-iskrittura minn Maria Agius, għadda fis-suċċessuri tagħha, u li għalhekk jista' jsir l-att effettiv għan-norma tal-konvenzjoni "de qua" kontenuta fl-iskrittura, billi d-diviżjoni ssir konformement għaliha. Iżda f'dan il-każ hemm dawn il-konsiderazzjonijiet kuntrarji:—

1. Meta Maria Agius obligat ruħha li tirrinunzja għall-użufrutt bħala korrispettiv tal-akkordji l-oħra msemmijin fl-iskrittura, fosthom dak li hi tieħu żewġ ishma millassi ta' Paolo Agius, dak il-korrispettiv kien inċert fil-"quantum" eventwali tiegħu, għaliex kienet inċerta l-aspettattiva tad-durata tal-ħajja tar-rinunzjanti. Dik il-konvenzjoni kienet, għalhekk, aleatorja għas-sens tal-art. 1005 Kap. 23, għaliex l-entità tal-korrispettiv kienet tiddependi minn avveniment inċert, ċjoè kemm kienet sejra ddum il-ħajja ta' Maria Agius. Trasferiment ta' użufrutt (u f'dan il-każ ir-rinunzja kienet timplika t-trasferiment tal-użufrutt favur in-nudi proprjetarji) ġie dejjem dottrinalment kunsidrat bħala kuntratt aleatorju (ara Baudry, Trattato

Teorico Pratico, Contratti Aleatori eċċ. paġ. 3, para. 6 in fine), fejn hemm ċitat in nota anki l-Guillouard). Issa, hu ovvju li l-karattru aleatorju ta' dak il-korrispettiv spiċċa bil-mewt ta' Maria Agius, għax dak li fil-mument tal-iskrittura kien inċert sar inveċe ċert, u għalhekk l-att effettiv ma jistgħax aktar jirrispekkja l-att "de contrahendo". L-indoli aleatorja ta' dak il-korrispettiv kienet bla dubju parti essenzjali mill-kompaġini sħieħa tar-ranġament magħmul b'dik l-iskrittura, u hu inaċċettabbli li jiġi pretis li jsir l-att effettiv in bażi għall-iskrittura, meta l-bażi tagħha ma għadhiex dik li kienet;

2. Sabiex jista' jingħad li l-obligazzjoni tad-decujus tgħaddi fl-eredi, jeħtieġ li oġġettivament l-obligazzjoni tkun għadha kapaċi ta' eżekuzzjoni. F'dan il-każ il-korrispettiv pattwit, ċjoè ir-rinunzja għall-użufrutt ma hux aktar prestabbli mill-eredi, għas-sempliċi raġuni li l-użufrutt ittermina bil-mewt ta' Maria Agius u ma jistgħax aktar jiġi rinunzjat;

Ikkunsidrat;

Intqal ukoll, fil-kors tad-dibattitu quddiem din il-Qorti, li hemm dejjem il-frutti skaduti mill-iskrittura sal-mewt ta' Maria Agius. Iżda din l-osservazzjoni ma għandhiex valur, għaliex ir-rinunzja kienet għall-użufrutt "ut sic", inċert fid-durata tiegħu, u mhux għall-frutti skaduti u determinati;

Ikkunsidrat;

Lanqas jidher li jista' jkollu xi konsistenza l-paragun li fil-kors tal-argumenti għamel id-difensur tal-appellati, ta' dan il-każ mal-każ ta' dekadenza tal-konjuġi superstiti mill-użufrutt f'każ ta' tibdil tat-testment "unica charta" għas-sens tal-art. 630 Kod. Ċiv. Dik id-dekadenza hija s-sanzjoni tar-revoka tat-testment għas-sens ta' dak l-artikolu, u ma għandha xejn x'taqsam mal-karattru eminentement aleatorju tar-rinunzja għall-użufrutt f'dan il-każ, li kienet korrispettiv tal-akkordju, u li ma għadhiex aktar prestabbli kif konvenuta;

Ikkunsidrat;

Stante l-konklużjoni li għaliha waslet din il-Qorti, li ċjoè id-diviżjoni ma tistgħax issir aktar skond l-iskrittura fuq imsemmija, ma hemmx lok li din il-Qorti tattarda ruħha fl-eżami tal-punt sollevat mill-atturi fis-sens li l-iskrittura hi nulla minħabba n-nuqqas ta' firma ta' Annunziato Camilleri;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u per konsegwenza tirrespinġi l-preġudizzjali li d-diviżjoni għandha ssir skond dik l-iskrittura; u tordna r-rinviju tal-proċess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.